MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 480/2010

**App. Nru. 480/2010 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Jonathan Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra *omissis* u Jonathan Farrugia talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Gunju 2004, f'xi hin bejn it-tlieta u nofs (03:30hrs) u l-erbgha u nofs (04:30hrs) ta' filghodu gewwa l-istabbiliment Red Square u kif ukoll gewwa Triq San Gorg, San Giljan;

(1) minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqieghdu l-hajja fil-periklu car, ikkagunaw feriti ta' natura gravi, permezz ta' strument li jaqta' jew inniggez, fil-gisem ta' Jean Pierre Gatt, u dan bi ksur tal-artikoli 214, 216 u 219 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' Luke Bugeja, u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku bl-ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

(4) bil-lejl, kisru l-mistrieh tan-nies, bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor, u dan bi ksur tal-artikolu 338(mm) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Jonathan Farrugia hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u, wara li rat l-artikoli 214, 218, 221, 338(dd), 338(m) u 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghall-hlas ta' ammenda ta' sittin euro (€60) u ghal terminu ta' sentejn prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Jonathan Farrugia pprezentat fid-9 ta' Novembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata jew, alternattivament tirriforma l-istess sentenza billi tirrevoka dik il-parti fejn gie misjub hati ta' l-ewwel imputazzjoni u fejn giet erogata l-piena ta' sentejn prigunerija u minflok issibu hati ta' l-imputazzjoni kontemplata fl-artikoli 214, 216 u 217 tal-Kodici Kriminali bl-attenwanti tal-provokazzjoni u tikkonfermaha fil-bqija jew, alternattivament, tvarjaha in kwantu tikkoncerna l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali aggornata ta' l-imsemmi Jonathan Farrugia esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-ewwel zewg aggravji ta' l-appellant, u cioe` (1) li l-proceduri quddiem l-ewwel Qorti huma nulli in kwantu ma gietx segwita l-procedura delineata fl-artikolu 370(4)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; (2) li fir-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali ma seta' qatt imur oltre l-imputazzjonijiet dedotti mill-Pulizija Ezekuttiva.

B'referenza ghall-ewwel aggravju l-appellant jghid testwalment:

"Illi l-iktar imputazzjoni gravi addebitata lill-esponent mill-Pulizija Ezekuttiva hija l-ewwel wahda, u cioe` dik kontemplata fl-artikoli 214, 216 u 217 tal-Kodici Kriminali. Id-dicitura wzata hija dik kontemplata f'dawn id-disposizzjonijiet nonostante r-referenza erroneja ghall-artikolu 219 minflok l-artikolu 217. L-artikolu 219 effettivament m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz. Jekk wiehed jeskludi l-mitigazzjoni msemmija fl-artikolu 37 ta' l-istess Kodici, liema mitigazzjoni hija effettivament applikabbli ghall-kaz (ara wkoll, *passim*, il-paragrafu (a) tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 371), il-piena massima ghal dan ir-reat hi dik ta' erba' snin prigunerija. Fi kliem iehor, irrispettivament minn jekk l-ufficjal prosekutur kellux jew le l-kunsens ghal procedura sommarja ta' l-Avukat Generali, il-procedura li kellha tigi adottata kienet dik imsemmija fl-imsemmi paragrafu (a) tas-subinciz (4) ta' l-artikolu 370. Din il-procedura ma hijiex wahda fakultattiva u meta jirrizulta, kif gara f'dan il-kaz, li 'd-delitt li bih l-imputat ikun akkuzat huwa wiehed li ghalih hemm piena ta' prigunerija ghal zmien ta' aktar minn sitt xhur izda mhux aktar minn erba' snin', il-Qorti <u>ghandha</u> – u mhux tista' – tadotta l-procedura elenkata fis-subinciz (4) imsemmi. Mankanza f'dan is-sens ghandha necessarjament twassal ghan-nullita` tal-proceduri kif del resto dejjem sar f'kazijiet ta' non-osservanza tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodici Kriminali."

Issa, il-paragrafu (a) tas-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 370 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi:

**“Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)(b), jekk id-delitt li bih l- imputat ikun akkuzat huwa wiehed li ghalih hemm piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ aktar minn sitt xhur izda mhux aktar minn erba’ snin, il-qorti ghandha, waqt l-ezami ta’ l-akkuzat skond l-artikolu 392 izda qabel ma jigi ezaminat skond is-subartikolu (l)(b) ta’ dak l-artikolu, tistaqsi lill-akkuzat jekk ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi ittrattat bi procedura sommarja; u l-qorti ghandha taghtih zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija.”**

Mill-ezami ta’ l-appellant (allura imputat) li sar fil-21 ta’ Gunju 2004 (ara fol. 4 tal-process) jirrizulta li l-ewwel Qorti ma mxietx skond l-artikolu 370(4)(a) izda biss skond l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti, dak li trid tezamina f’dan l-istadju ta’ l-appell hu jekk l-appellant b’daqshekk sofriex xi pregudizzju. Minn ezami tal-process ma jirrizultax li din il-kwistjoni qatt tqajmet quddiem l-ewwel Qorti. Mhux hekk biss, izda meta wara diversi seduti l-Avukat Generali ddecieda li jirrinvija l-atti ghall-gudizzju mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, l-appellant gie mistoqsi jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (a fol. 123). Jigifieri dak li, skond hu, kellu jigi mistoqsi waqt l-ezami, gie eventwalment mistoqsi lilu. Effettivament huwa wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat bi procedura sommarja. U l-kawza hekk imbaghad ipprocediet, u l-appellant kellu l-opportunita` jixhed, sar *social inquiry report*, talab li jigi riprodott – u fil-fatt gie riprodott – Jean Pierre Gatt, u saru s-sottomissjonijiet mid-difiza. Lanqas mis-sentenza appellata ma jirrizulta illi tqajmet il-kwistjoni li tqajmet f’dan l-istadju ta’ l-appell. Barra minn hekk, bil-fatt li l-ewwel Qorti ghaddiet ghall-kumpilazzjoni jfisser illi l-process sar b’mod aktar formali. Irid jinghad illi l-procedura qieghda hemm ghall-ahjar andament u organizzazzjoni tal-process kriminali izda mhux biex

tistultifika tali process. Ghaldaqstant din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-appellant ma sofra l-ebda pregudizzju. Izda, tistaqsi din il-Qorti, kien hemm lok li waqt l-ezami l-ewwel Qorti tipprocedi skond l-artikolu 370(4)(a). U hawn issir referenza qabel xejn ghat-tieni aggravju ta' l-appellant.

Permezz tat-tieni aggravju tieghu l-appellant isostni li fir-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali ma seta' qatt imur oltre l-imputazzjonijiet dedotti mill-Pulizija Ezekuttiva fin-nuqqas ta' talba precedenti ghal zieda fl-imputazzjoni u bidu mill-gdid tal-kumpilazzjoni u, okkorrendo, l-ezenzjoni da parti tad-difiza ghas-smigh mill-gdid tax-xhieda ga` mismugha. U jkompli jghid:

"Illi, kif intqal iktar 'il fuq, l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-esponent kienet dik kontemplata fl-artikoli 214, 216 u 217 tal-Kodici Kriminali – dik komunement maghrufa bhala offiza gravi bkl-aggravanti msemmija fl-artikolu 217. Fir-rinviju ghall-gudizzju tieghu l-Avukat Generali kkarga d-doza u akkuza lill-esponent bir-reat kontemplat fl-artikolu 214 u 218 – dik komunement maghrufa bhala offiza gravissima. Kien proprju ta' dan l-ahhar reat li nstabet htija mill-Qorti. Dan hu bl-akbar rispett zbaljat.

"Illi huwa risaput li l-Qrati taghna dejjem ekwiparaw ir-rinviju ghall-gudizzju ma' l-att ta' l-akkuza (ara, *inter alia*, is-sentenza ta' din il-Qorti kolleggjalment komposta fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Leonard Callus u Lawrence Callus** (04.06.2002). Ghalhekk ir-regola msemmija fis-subinciz (2) ta' l-artikolu 435 tal-Kodici Kriminali ghandha tapplika bl-istess mod ghar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali u ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt tmur oltre l-akkuzi dedotti mill-Pulizija Ezekuttiva galadarba l-procedura fl-imsemmi subinciz ma gietx adoperata. Wara kollox ma kien hemm x'iwaqqaf lill-Avukat Generali li jitlob korrezzjoni fl-ewwel imputazzjoni jekk mill-provi migbura rrizultalu li l-offiza sofferta minn Jean Pierre Gatt kienet tirrientra fil-kriterji msemmija fl-artikolu 218."

Hawn ukoll din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok illi ma jirrizultax li din il-kwistjoni tqajmet quddiem l-ewwel Qorti. Issa, l-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant hija li "minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi permezz ta' strument li jaqta' jew iniggez fil-gisem ta' Jean Pierre Gatt". Fl-imputazzjoni l-Pulizija Ezekuttiva ziedet tghid illi dan sar "bi ksur ta' artikoli 214, 216 u 219 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta". Issa, l-indikazzjoni ta' l-artikoli mill-Pulizija Ezekuttiva ma tistax tigi kkunsidrata parti integrali ta' l-imputazzjoni u tali indikazzjoni tista' titqies biss bhala indikattiva ta' l-artikoli tal-ligi li l-Pulizija Ezekuttiva jidhrilha li jkunu nkisru. Li hu essenzjali hu li l-imputazzjoni tkun redatta b'tali mod illi l-imputat ikun jaf biex qieghed jigi akkuzat. L-appellant stess jghid illi l-artikolu 219 imsemmi fl-ewwel imputazzjoni m'ghandux x'jaqsam mal-kaz u li, ghax l-imputazzjoni titkellem dwar "strument li jaqta' jew iniggez" allura l-Pulizija Ezekuttiva kellha f'mohhha l-artikolu 217.

L-imputazzjoni kif dedotta turi bic-car illi l-appellant gie akkuzat li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jean Pierre Gatt bi strument li jaqta' jew iniggez. Issa offiza tista' tkun jew hafifa jew gravi (artikolu 214 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). L-offiza gravi mbaghad tista' tkun gravi jew "gravissima". Il-ligi taghna ma tuzax il-kelma "gravissima" izda l-gurisprudenza tuza t-terminu "gravissima" sabiex tiddistingwi bejn offiza "gravi" skond l-artikolu 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u offiza gravi li ghandha konsegwenzi aktar serji – minhabba l-permanenza taghhom – skond l-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fiz-zewg kazijiet l-offiza hi deskritta mil-ligi bhala wahda "gravi" u ghalhekk imputat jigi akkuzat li kkommetta offiza ta' natura gravi. Mela sija jekk offiza tkun "gravi" sija jekk "gravissima" id-dicitura ta' l-imputazzjoni ser tibqa' l-istess, u ghalhekk l-appellant m'ghandux ragun jghid illi l-Avukat Generali kellu jitlob korrezzjoni ta' l-imputazzjoni. Jekk offiza hijiex "gravi" jew "gravissima" mbaghad irid jirrizulta mill-provi u ghalhekk, jekk l-Avukat Generali dehrlu li l-offiza/i li garrab Jean Pierre Gatt kienu ta' natura "gravissimi" kellu kull dritt jixlieh fir-rinviju ghall-gudizzju bl-artikolu 218 tal-Kodici

Kriminali. Konsegwentement ukoll, meta l-appellant tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, dik il-Qorti mxiet korrettement fl-ezami ta' l-appellant galadarba l-piena ghal offiza "gravissima" hi punibbli bi prigunerija minn disa' xhur sa disa' snin.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel zewg aggravji ta' l-appellant u tordna l-prosegwiment tal-kaz.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------